MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 4/2002/2

John Said .

vs

Michael Bugeja .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) ghal habta tas-1l.15 a.m. fit-Teasers Pub li jinsab fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, l-attur John Said gie aggredit mill-konvenut Michael Bugeja li hebb ghalih u sawtu ghal xejn b'xejn ;

Illi minhabba dan l-incident l-attur sofra ghadd ta' griehi fosthom griehi fi-dentatura illi huma griehi ta' natura permanenti ;

Illi ghalhekk minhabba dan l-incident u minhabba dawn l-istess griehi, l-attur sofra ghadd ta’ danni konsistenti f’danni emergenti kif ukoll lukri cessanti ;

Illi l-attur irid li dawn id-danni jigu likwidati u kull meta talab lill-konvenut sabiex jersaq ghal tali likwidazzjoni dana baqa’ inadempjenti .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjarah responsabbli ghall-incident ta’ l-erbgha (4) ta’ Gunju tas-sena elfejn (2000) fuq imsemmi fejn l-attur safa aggredit u msawwat mill-istess konvenut ;

2. tillikwidak, jekk hemm bzonn permezz ta’ esperti nominandi, dawk id-danni sofferti mill-attur kawza ta’ dan l-istess incident ;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas dawk id-danni hekk likwidati lill-attur .

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali, mibghuta lill-konvenut u bl-interessi skond il-Ligi sad-data ta’ l-eventwali pagament effettiv .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti msejjah .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur minnu mahlufa .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi preliminarjament din il-Qorti mhix kompetenti “ratione valoris” .

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili :

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li l-eccipjent hebb ghall-attur ghal xejn b'xejn imma ghamel dan biex jiddefendi lil ibnu u lil mara ta' ibnu .

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ikkontribwixxa sostanzjalment ghall-hsara li setghet saritlu .

Salvi eccezzjoni ulterjuri fil-fatt u fid-dritt .

Bl-ingunzjoni tal-attur ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat il-verbal taghha tad-9 ta' Mejju 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza preliminari fuq l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris* .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eccezzjoni .

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut jidher illi qieghed iressaq din l-eccezzjoni ghaliex jippretendi illi d-danni allegati ma jissuperawx is-somma ta' hamest elef lira maltija (Lm5000), il-massimu stabilit mill-ligi ghall-kompetenza tal-Qorti Inferjuri[1] . F'din il-kawza l-attur mhux qed jitlob somma specifika ndikata fic-citazzjoni, imma jrid li jigu likwidati d-danni allegatament ikkagunati lilu per konsegwenza ta' glieda li kienet tinvolvi l-kontendenti . Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jargumenta illi madankollu d-danni reklamati mhumiex ta' valur **incert** jew **indeterminat**, fejn allura japplika l-artikolu 747 tal-Kap. 12, imma determinabbli bil-procedura stabilita mill-ligi stess fl-artikolu 761 ta' l-istess Kodici, u cioe' bi stima ta' perit li jigi appuntu nominat ghal dan il-fini mill-Qorti meta tqum kwistjoni simili . Il-konvenut fl-istess nota

[1] Art. 47 tal-kap. 12 .

tieghu jiccita a favur tat-tezi tieghu minn diversi sentenzi fejn giet utilizzata din il-procedura . Imma kif tajjeb josserva l-attur fin-nota responsiva tieghu, dawn is-sentenzi kollha kienu jinvolvu kwistjonijiet ta' proprjeta' u qatt kawzi ghad-danni li ghad iridu jigu likwidati .

Din l-istess Qorti kif ippreseduta kellha l-okkazjoni tippronunzja ruhha dwar kwistjoni bhal din, fejn kien hemm talba ghall-likwidazzjoni tad-danni f'kawza dwar kollizjoni bejn zewg vetturi, bil-mod segwenti :

"….. **l-art. 747 tal-Kap. 12 jistabilixxi illi meta l-valur ikun incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-Qorti ta' gurisdizzjoni limitata . Hekk ukoll jitqiesu dejjen bhala li ghandhom valur li ma jistax jigi determinat, *inter alia* dawk il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba ta' l-attur, u lanqas ma jista' jigi determinat bil-mod imsemmi fil-ligi, bhal ma hu l-kaz in ezami . Dana peress illi, ghalkemm f'certi kazi l-ligi tikkontempla l-hatra ta' periti sabiex jistabilixxu l-valur ta' l-oggett in kwistjoni ghall-fini ta' kompetenza, bhal ma kien jigri per ezempju sa qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi l-godda tal-procedura meta kienet tqum kwistjoni f'kaz ta' appell minn certi sentenzi moghtija minn din il-Qorti, tali hatra ma tistax tapplika wkoll ghal kaz bhal ma hu dak in ezami . Dana appuntu ghaliex …. tali nomina tkun qed tinfluwixxi direttament anzi tiddecidi minn qabel fuq il-mertu, xi haga li tista' tigi determinata biss wara li jkunu ngabru l-provi kollha dwar il-hsara allegatament ikkagunata**."[2]

Ta' fehma simili kienet ukoll sentenza recenti tal-Prim'Awla meta elaborat fuq din il-kwistjoni fis-sens illi :

"**Skond l-artikolu 747(1) tal-Kap. 12, kawza ta' valur incert jew indeterminat titqies dejjem li taqbez il-kompetenza tal-Qorti ta' gurisdizzjoni limitata . Fost it-tliet cirkostanzi li l-ligi ssemmi bhala kawzi ta' valur indeterminabbli, wiehed isib dawk il-kawzi li fihom il-**

[2] sentenza preliminari fil-kawza quddiem din il-Qorti fl-ismijiet : Angelo Parnis vs. Joacchino Galea et, moghtija fit-3.4.1997 .

**valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba attrici u lanqas jista' jigi determinat kif jinghad fl-artikoli l-ohrajn li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawza . Dan ifisser, mela, li jekk il-valur ma jissemmiex fit-talba attrici ma jgibx, fih innifsu biss, li dik il-kawza hija wahda ta' valur incert jekk dak il-valur huwa determinabbli .**

**Madankollu jibqa' l-att li fejn il-valur ta' talba huwa incert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-ligi, hija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili .**

**Dan ukoll jaghmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati taghna ghar-rigward, fejn gie stabilit b'awtorita' li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (u mhux il-Qorti inferjuri) kienet kompetenti tisma' l-kawza ghax l-attur ressaq talba ghal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li fl-istess waqt iccensuratu talli messu kien jaf li l-oghla ammont ta' kumpens li seta' jiehu ma kien qatt jisboq ammont li johrog mill-kompetenza ta' dik il-Qorti inferjuri**" . [3]

Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li jostni l-konvenut fin-nota tieghu, ma kienet skorretta xejn il-Qorti tal-Appell meta, f'kawza ghal-likwidazzjoni tad-danni ikkagunati bit-tehid ta' banketta mill-konvenut, gie accettat li l-Qorti superjuri kienet kompetenti, u sar biss temperament ta' l-ispejjez li kellu jbati l-istess konvenut,[4] haga li wara kollox jista' ghad isir ukoll fil-kaz in ezami jekk qatt jirrizultaw xi cirkostanzi simili .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi ghalhekk dwar din l-eccezzjoni preliminari tal-kompetenza, billi tichad l-istess eccezzjoni . Konsegentement tiddikjara ruhha kompetenti li tkompli tisma’ din il-kawza u thalliha ghall-kontinwazzjoni .

L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .

---

[3] Prim'Awla : Middle Sea Insurance plc vs The Cargo Handling Company Limited : 25.9.2003 .

[4] Appell Civili Superjuri : Giuseppe Gatt vs Carmel Mifsud : 4.11.1963 .

S402Pc(sip)

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------